NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Lulju - Awissu 2003 Nru 133



Messaġġ minn **Monsinjur Ġużeppi Farrugia**

Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

# IL-ĠIEĦ U L-FERĦ TIEGĦI MAGĦKOM

Hu ta' ġieħ għalija li mess lili, maħbubin devoti ta' San Ġorġ, li nkellimkom bħala ragħaj spiritwali tagħkom, f'dawn il-jiem solenni ta' tifkira fis-17-il ċentinarju mill-martirju ta' San Ġorġ, Protettur tal-gżira tagħna u Patrun partikolari tal-belt tagħna.

U x'naqbad ngħidilkom? Jekk ikolli nħalli 'l qalbi tkellimkom, nibża' li tlissen kelmiet ta' poeżija li, għalkemm f'waqthom, mhumiex għalija li ntenniħom. Jekk nitkellem skond ma jgħidli moħħi jista' jiġri li, għalkemm dak li ngħid ikun minnu, iżda ma jkunx jista' jfisser biżżejjed il-misteru tal-jiem li qed niċċelebraw. Għalhekk, ħa nissellef minn fomm l-Appostlu l-Kbir, dak li għammidna u għamilna Nsara, il-kliem li jixraq għal dawn il-jiem li fihom se jferraħna l-Martri l-Kbir li jħarisna u jsaħħaħ fina l-Fidi Nisranija li żżejjinna. Din il-Fidi hija l-ħajja ta' Kristu Ġesù nnifsu fina. "Ifirħu dejjem - jgħidilna Pawlu - itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox, għax dan hu li jrid Alla minn għandkom fi Kristu Ġesù" (I Tess 5,16).

Mela jien dan hu li ngħidilkom: "Ifirħu fil-Mulej!" B'dawn il-kelmiet, m'inix qed nifhem li qed nistedinkom "tifirħu" ladarba l-ferħ tal-misteru ta' San Ġorġ hu diġa' fina, imma li tifirħu "fil-Mulej". Il-Mulej hu l-għajn ta' kull ferħ veru tagħna. Il-Mulej hu l-għajn tal-ferħ li jixraq lilna l-bnedmin maħbubin minnu. Il-Mulej hu l-għajn ta' dak il-ferħ li jibqa' għal dejjem. Għax x'ikun jiswielna jekk f'dawn il-festi li qed niċċelebraw nifirħu biss b'ferħ li jgħaddi u li ma jiswiex għall-ħajja sħiħa tagħna fi Kristu, dik li tibqa' għal dejjem!



Għalhekk, ejjew nifirħu b'dak il-ferħ li jfur mill-konverżjoni għal ħajja aħjar, li jfur mill-ħbiberija ma' Alla u bejnietna, li jfur mill-imħabba li tgħaqqadna ma' San Ġorġ, ma' dan iż-żagħżugħ ħaj li jħobbna b'imħabba vera, konkreta, fidila, qaddisa, divina. Ejjew nifirħu f'għeluq l-1700 sena minn meta San Ġorġ issiġilla din l-imħabba tiegħu għal Alla u għalina bid-demm li xerred fil-martirju. Ejjew nifirħu f'din l-imħabba ħalli nsiru dejjem aktar tabilħaqq "Ġorġjani", xhieda ma' Ġorġi u xhieda tiegħu, il-Martri ta' Kristu, ilbieraħ, illum, dejjem.

Nixtieq li f'dawn il-jiem tirriflettu miegħi fuq dan il-misteru ta' Ġorġi, Martri ta' Kristu, ilbieraħ, illum, dejjem!

Ġorġi, Martri ta' Kristu "l-bieraħ", huwa Ġorġi li jidher quddiemna bħala xhud tal-Vanġelu sa mill-ewwel snin tal-ħajja li għex f'dar il-ġenituri tiegħu ġol-Palestina, fil-belt ta' Lidda fost niesu u ħutu l-Insara, fil-palazzi tan-Nikomedija qalb il-pagani ta' madwar Djoklezzjanu, fil-pjazez tax-xhieda erojka li ta meta faqqgħet il-persekuzzjoni l-kbira u fil-ħabsijiet u l-btieħi tal-moħqrija kbira li sofra fil-martirju tiegħu. Marti ta' Kristu għax fettex li jgħix it-tagħlim tal-Vanġelu u jixhed għalih b'ħajtu.

Ġorġi, Martri ta' Kristu "llum", huwa Ġorġi li jidher għalina bħala manifestazzjoni tas-sebħ li rebaħ bil-mewt glorjuża tiegħu. Il-"jum" tal-glorja tiegħu diġa' twal għal 1700 sena ta' qima u tifħir fuq din l-art u min jaf hemm għad jitwal aktar. Din il-glorja tidher fix-xhieda eżemplari li ħallielna dwar il-virtujiet Insara, fl-għajnuna li jagħtina bl-interċessjoni tiegħu, u fil-ferħ li jnissel fina bl-identita glorjuża li jaqsam magħna.

Ġorġi, Martri ta' Kristu "dejjem", huwa Ġorġi li jixref għalina mill-ġenna u juri ruħu fl-eternità li qed igawdi u li ma tintemm qatt, eternità ta' sliem, faraġ, sebħ, ġmiel, ħajja, ferħ u tifħir f'Alla, b'Alla u għal Alla. Din l-eternità hija l-istess destinazzjoni tagħna l-bnedmin u f'San Ġorġ tidher għalina tant

ikompli f'paġna 6

IL-BELT VICTORIA
*Rivista ta' kull Xahrejn*

*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

08.06.03: ANDRÈ, iben l-Onor.Anton Refalo u Michelina nee' Buttigieg
14.06.03: GIADA, bint Marco Farrugia u Angela nee' Micallef
20.06.03: ANDRE', iben George Cini u Roberta nee' Attard
21.06.03: JASMINE ,bint Joseph Spiteri u Josephine nee' Spiteri

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

06.06.03: Georgette Falzon u Christopher Teddy Spiteri
07.06.03: Maria Portelli u Joseph Grima
20.06.03: Denise Cremona u Reuben Galea
21.06.03: Doreen Camilleri u Jason Paul Samuel Mizzi

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

30.05.03: Guzeppa Farrugia
03.06.03: Francesco Farrugia
13.06.03: Carmelo Attard

## Donazzjoni b'Risq ir-Rivista

Joe u Martha Farrugia (Melbourne): 20 Aust. $

## NIFIRĦU...





Il-Bord Editorjali jixtieq jingħaqad mal-Komunita' Parrokkjali u jifraħ lil **Mons Arċipriet Dr. JOSEPH FARRUGIA**, lill-**Kan. Dun FELIĊ TABONE** u lill-**Kan. On. Dun GIOVANNI BOSCO CREMONA** f'għeluq il-25 sena minn meta ġew ordnati saċerdoti. L-Ordinazzjoni tagħhom kienet saret fil-Bażilika tagħna mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Ermenegildo Florit nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju 1978. Ad Multos Annos.

NIFIRĦU wkoll lid-Djaknu **TONIO GALEA** li ser jkun ordnat saċerdot nhar is-Sibt 12 ta' Lulju 2003 fil-Bażilika tagħna mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Edward Michael Egan u lis-Sem. **GEOFFREY G. ATTARD** li ġie ordnat Djaknu nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2003 mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi fil-Knisja Katidrali.




# *Editorjal*

## FESTI ĊENTINARJI 2003

Qed noqorbu lejn l-isbaħ żmien tal-Festi Ċentinarji li l-Parroċċa tagħna qed torganiżża fl-okkażjoni tas-1700 sena mill-Martirju ta' San Ġorġ. Dawn ser ikunu festi li għalihom il-preparazzjoni ilha li bdiet is-snin u li minn hawn ta' minn jirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex kollox jirnexxi kif verament irnexxew il-festi kbar u solenni li saru f'April li għadda.

Wara li l-Komunità Parrokkjali tagħna ġiet ipprparata spiritwalment għal dawn il-festi, issa wasal iż-żmien li naħsdu l-frott ta' dak kollu li sar. F'dawn il-ġranet hekk sbieħ għandna nħossuna lkoll flimkien magħqudin bħala komunità waħda biex insellmu lill-Patrun tagħna, ta' beltna u ta' gżiritna, b'dik l-imħabba u l-għożża li sa minn żminijiet imbiegħda dejjem kellna lejh. Aħna ċerti li f'dawn il-jiem ta' festi speċjali ser nagħmlu ħilitna biex sinċerament nuru l-imħabba kbira li għandna lejn San Ġorġ u li din l-imħabba tqarribna dejjem aktar lejn Kristu l-Feddej tagħna.

Għal darb'oħra ser ikollna fostna r-Relikwija Insinji ta' San Ġorġ li ser tinġab mill-Bażilika tiegħu Al Velabro ġewwa Ruma fl-okkażjoni ta' dawn il-festi ċentenarji. Il-miġja fostna ta' din ir-Relikwija għandha tkompli theġġiġna u timliena b'dak il-kuraġġ li Kellu San Ġorġ, biex bħalu naffrontaw bla biża' dak kollu li jbiegħdna minn Alla l-Missier.

Aħna konvinti li dawn il-festi mhux biss ser ikunu manifestazzjoni kbira ta' ferħ fl-okkażjoni taċ-ċentenarju, imma ser iħallu fost il-Komunità Parrokkjali tagħna qawmien spiritwali qawwi li jkompli jżomm fina il-fidi nisranija li għalija 1700 sena ilu San Ġorġ ċarċar demmu. Għalhekk inħeġġu lil kulħadd biex jieħu sehem f'dawk l-attivitajiet kollha li ser jiġu organiżżati.

Il-Bord Editorjali jixtieq li pubblikament jirringrazzja u jsellem lil Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia li bil-għaqal u bil-ħila tiegħu, xprunat mill-imħabba kbira li għandu lejn San Ġorġ, ser ikollna festi kbar u solenni li ser jagħmlu ġieħ lill-Parroċċa tagħna u lill-gżiritna.

# SAN ĠORĠ DEJJEM REBBIEĦ

Ma' kull fejn int titfa' ħarstek
Ma tarax ħlief nies daħkana
Għax illum l-għid tal-kbir Ġorġi
Li mis-sema jindukrana.

Elf u seba' mitt sen'ilu
Ġorġi tar għand il-Ħallieq
Wara li sofra l-martirju
Fost tbatija, dmija, lfiq.

Wara l-mewt tal-ġenituri
Fir-riġment daħal suldat
Baqa' miexi, tribun laħaq
Fil-palazz kien l-aktar stmat.

Iżda meta ġie għall-Prova
Qassam ġidu lill-fqajrin
Minn quddiem, stqarr l'hu nisrani
W għall-allat ma kellux ħin.

Ma beżax mill-agħar torturi
Li ħejja l-imperatur
Ma kienx jaf Dijoklezjanu
Illi Ġorġi l-isbaħ fjur.

Dal-mument kien qed jistenna
Biex itir lejn is-smewwiet
Fejn hemmhekk l-anġli bl-imħatra
Min l-ewwel jiftaħlu l-bieb.

Illum t-Tribun ta' Lydda
Lejl u nhar jitlob għalina
Ma jehdiex lilna jitbissem
Minn kull hemm dlonk iħarisna.

F'dan iċ-Ċentinarju mqaddes
O San Ġorġ la titlaqniex
Għalkemm aħna ta' spiss noghtru
Minn quddiemek twarrabniex.

Sabiex fl-aħħar il-jum jasal
li ħdejk niġu lkoll fil-ġenna
Fit-tgawdija ta' bla temma
Fejn kull qalb hemmhekk tithenna.

**Kav. Joe M. Attard**
Victoria Għawdex 2003

# Ħalluh jgħaddi...

(1700 sena mid-*Dies Natalis* ta' San Ġorġ, 303-2003)

Ħalluh jgħaddi fuq żiemel bajdani
Lil San Ġorġ minn triqatna mserpin..
Għax bħal Kristu miet fqajr u sar għani,
Fid-demm tiegħu bl-ilbies maħsulin.

Ħalluh jirbaħ mill-ġdid l-għadu mxajtan
Li nsibuh fejn sqajna f'kull żmien;
Hekk fi qlubna, fil-belt tagħna jsaltan
Dak is-sliem li jgħaqqadna flimkien.

Ħa jifirħu l-għoljiet ta' dil-gżira
B'Ġorġi qawwi, rebbieħ fuq dragun
U fuq fommna, minn ruħna għajta kbira,
"Viva Ġorġi", din l-għajta trid tkun!

San Ġorġ jibqa' bħal Kristu rebbieħ,
żagħżugħ mimli bid-dija, sabiħ!

**Rev. George Mercieca**
Victoria 23.04.03



# SAN ĠORĠ MARTRI u l-Moviment ta' li Scouts

■ *minn Dun Ġużepp Gauci*

**"San Giorgio martire tu sei la luce tu sei la stella, che ci conduce. Proteggi e guida l'Esploratore Verso gli esempi del tuo valore".**

F'dan ir-Ritomell ta' innu li jitkanta mill-iscouts ta' l-Itaija, versi ta' P. Elio Falera u muzika ta' P. Luigi Ajme, insibu l-espressjoni ta' qawwa u ta' ferħ li għandhom ikunu il-karatteristiċi ta' kull Scout, skond ix-xewqa tal-fundatur Robert Baden-Powell, li ta bidu għal dan il-Moviment fl-1907. Il-metodu ta' formazzjoni li Baden-Powell ried inissel fil-membri tal-Moviment tiegħu mibni fuq il-prinċipju " tkun ta' piz għal ħadd u kun utli għal kulħadd", hu nmebbaħ mill-istess figura kavallereska ta' S. Ġorġ li l-fundatur sa mill-bidu mar jaħtar mhux biss bħala Patrun, imma wkoll bħala idejal tal-Moviment tiegħu.

## L-eżempju ta' San Ġorġ

Il-mod kif San Ġorġ affronta u rebaħ id-diffikultajiet li ltaqa' magħhom, hu l-mod kif kull Scout għandu jaffronta l-periklu, kbir jew żgħir li jitfaċċa quddiemu. Hu għandu jaffronta kull diffikulta' bil-kuraġġ u bil-fiduċja, filwaqt li juża kull mezz li jgħinu jirbaħ. B'dan il-mod, il-probabilità li l-iscout jirbaħ tkun kbira ħafna. Jum San Ġorġ, it-23 ta' April, hu l-jum ii fih kull scout jiftakar dwar il-weghdi li għamel u dwar ir-regoli li jmexxu l-ħajja tal-Moviment li tiegħu hu membru. U dan, mhux għax li scout jkun insiħom, imma biex, taħt il-ħarsien ta' San Ġorġ u mnebbaħ mill-eżempji tiegħu, jiġġedded fl-impenn tiegħu li jħarishom u jħaddimhom bil-qawwa u bil-fedeltà kollha.

Baden-Powell fil-ktieb "Rovering to Success" kiteb li fuq l-iskrivanija tiegħu għandu tifkira żgħira li jżommha hemm għax tnebbħu għat-tajjeb u tgħinu meta jkollu jagħmel xogħol iebes. Tippreżenta raġel fuq żiemel fi ġlieda mad-dragun. Ikompli: "Hu San Ġorġ. Għandi ħafna disinni qodma u moderni tiegħu. Hemm wieħed ii jogħġobni aktar mill-oħrajn kollha, mhux għax il-pittura hi l-aħjar, iżda għax S. Ġorġ hu muri bi tbissima li ma titfissirx: hu jaffronta lid-dragun b'dik it-tbissima, bil-ferħ, u jidher deċiż li jrid jirbħu. Hu dan il-mod li bih wieħed għandu jaffronta d-diffikultajiet, minkejja li jidhru li huma ta' theddida". Baden-Powell minn dan kollu jiġbed din il-konkluzjoni: "Għalhekk, tikkuntenta qatt li tibqa' fuq id-difiża biex taħrab l-agħar li jista' jigri, imma affronta t-tfixkil, deċiż li tirbħu u li, b'mod jew ieħor, toħroġ minnu l-ġid".

## San Ġorġ u kull Scout

Fil-ktieb "Lo Scout Italiano" tal-1923, naqraw tifsira ċara li turi għaliex San Ġorġ hu l-idejal ta' kull Scout. "San Ġorġ mhux biss joqtol id-dragun, mhux biss għandu żiemel abjad sabieħ, mhux biss għandu lanza u tarka maħduma bis-sengħa, mhux biss hu l-kavallier li għadda minn avventuri erojċi u tal-għaġeb, iżda hu l-qawwi, ir-rebbieħ, l-imheġġeġ, kollu entużjażmu, kollu fedelta'. Illum m'hemmx aktar annimali li jbeżżgħu biex jinqerdu, m'hemmx aktar xbejbiet imwerwrin biex jinħelsu mill-mewt, m'hemmx aktar trombi li bid-daqq tagħhom jilqgħu lill-eroj li jerġa' lura rebbieħ mill-ġlieda... Għaliex mela, l-iscouts ixejru l-istendardi tagħhom f'isem San Ġorġ? Għax San Ġorġ wera fedelta' sħiħa. Hu għaraf li l-ħajja mhix sabieħa u ferreħija mingħajr l-għotja tiegħek innifsek. Hu ta ħajtu għall-oħrajn. Ta ħajtu bil-fedelta' għall-weghdiet tiegħu, kollu fedelta' għall-kuxjenza tiegħu. Għażiż scout, fid-dinja għad baqa' u dejjem jibqa' htieġa għall-kuraġġ u għall-fedelta'. San Ġorġ għamel weghda. U San Ġorġ żamm dik il-weghda".

San Ġorġ, qaddis li l-kult tiegħu anke fi żminijietna, hu mxerred mad-dinja kollha, inkarna fih l-idejali tal-kavallier medjevali: difensur ta' l-imsejkna u ta' dawk li m' għandhom 'l ħadd min jaqbeż għalihom, intgħażel bħala Patrun tal-Kroċjati Nsara. Ma' ħajtu ntrabtet il-ġrajja magħrufa li fiha heles lit-tfajla prinċipessa mid-dragun. Fuq kollox, fil-Medjuevu, il-ġlieda tiegħu kontra d-dragun saret it-tip ta' ġlieda tal-tajjeb kontra l-ħażen u, għalhekk, il-kavallieri ta' kull ġens raw fih l-idejal tagħhom. Il-Papa



Piju XII, bid-digriet tiegħu "Qui Megalomartyr" tat-23 ta' April 1956, ħatru Patrun tal-Kavallieri kollha ta' l-Italja. L-Ikonografija tiegħu hi u turih rebbieħ fil-ġlieda tiegħu kontra d-dragun, toffrihulna bħala eżempju ta' kavallier imheġġeġ, mimli entużjażmu, fedelta' u qawwa, u, fuq kollox, rebbieħ fuq id-dragun ta' kull xorta ta' ħażen.

## Għaliex San Ġorġ?

Padre Ruggi d'Aragona O.P., wieħed mill-Kappillani ta' l-iscouts ta' l-Italja, fl-1948 tkellem hekk dwar S. Ġorġ u l-Moviment ta' li Scouts: "San Ġorġ hu l-protettur tagħna, Għaliex għażilnieh ? Għażilnieh għax kien il-Protettur tal-Kavallieri Nsara. Imma, għaliex il-Kavallieri ta' l-antik għażluh bħala Protettur? Għax kien l-eżempju ta' dak li kellhom ikunu huma: qawwija, kuraġġjużi, dejjem lesti biex jaqdu u jgħinu lid-dgħajfin u lill-imwarrbin, fidili sal-mewt. Dak li hu ċert hu li San Ġorġ kien martri glorjuz li xerred demmu għal Ġesu' Kristu taħt Dioklezjanu, u r-rebħa leġġendarja tiegħu fuq id-dragun hi simbolu tal-ġlieda tat-tajjeb kontra l-ħażin li kull wieħed minna jrid jagħmel, b'kuraġġ sħiħ, anke quddiem il-perikli u sagrifiċċji iebsa. Kull wieħed minna għandu fih dragun x'jirbaħ jekk irid jibqa' tajjeb u fidil għal Ġesu' Kristu. Ma nistgħux ma nikkumbattuhx. U jkollna l-isbaħ u l-akbar ferħ jekk nirbħuh. Bil-fedelta' għall-liġi tagħna u bl-għajnuna ta' San Ġorġ, żgur ii nirbħu".

Kien minħabba dan kollu li Baden-Powell, fil-kitbiet kollha tiegħu dwar il-Moviment li waqqaf, iħeġġeġ bla waqfien lill-iscouts kollha biex jiġġeddu skond il-figura erojka li joffri San Ġorġ bħala mudell li jista' jnebbaħ il-mixja tagħhom ta' formazzjoni edukattiva. Fuq kollox, hu jħeġġeġ lill-iscouts biex jimpenjaw ruħhom b'qalb sħiħa u fiduċja ferħana, kif għamel San Ġorġ, biex jgħinu lill-oħrajn, biex jiddispou ruħhom għall-qadi tagħhom, l-aktar tal-fqar u ta' dawk li m'għandhomx min jiddefendihom. L-istess liġi ta' l-iscouts issib f'San Ġorġ il-mudell ta' "fattibilta'". Huma u jħarsu lejn San Ġorġ, li scouts għandhom jifhmu li huma wkoll, bħalu, jistgħu jgħixu l-avventura kbira ta' wlied ta' Alla, dejjem lesti biex b'fedelta' għas-sejħa tagħhom, iwettqu l-ġid, anke meta jkun hemm bżonn li jgħaddu mit-triq iebsa, bħalma għamel San Ġorġ.

## Li Scouts u l-Velabro

Il-Bażilika ta' S. Ġorġ tal-Velabro hi magħrufa tassew fost li scouts ta' Ruma, għax hi l-post fejn soltu jġeddu l-Weghda tagħhom fl-okkażżjoni ta' Jurn San Ġorġ. Matul iż-żmien tal-ħakma Faxxista, f'għaqda ma' li scouts tad-dinja kollha, li scouts ta' Ruma kienu jinġabru f'din il-Bażilika f'Jum San Ġorġ biex waqt il-quddiesa jġeddu l-Weghda tagħhom. Din it-tradizzjoni għadha ħajja fi żminijietna. Matul il-Ġublew tas-Sena 1950 u anke dak

*ikompli* ☛

# SAN ĠORĠ - FESTA MILL-AKTAR MISTENNIJA

Ninsabu biss ftit ġranet 'il bogħod mill-festi straordinarji li ser jiġu ċċelebrati fil-Belt Victoria f'ġieħ il-Qaddis Patrun t'Għawdex San Ġorġ Martri, fl-okkażjoni ta' l-1700 sena mill-Martirju Glorjuż tiegħu. Għal dak li jirrigwardja l-Festi Esterni, xejn anqas minn għaxar baned ser jieħdu sehem matul it-tielet ġimgħa ta' Lulju li tilħaq il-qofol tagħha f'jum il-Festa, il-Ħadd 20 ta' Lulju. Ma jistax jonqos li matul dawn il-ġranet festivi se jkollna spettaklu sħiħ bil-programm ta' attivitaajiet ta' kull xorta li ġie mħejji għall-okkażjoni.

Sehem mill-akbar f'dawn il-festi taghtih is-Soċjeta' Filarmonika La Stella li hija uffiċċjalment responsabbli mill-festi esterni. Ftehim li kien sar fl-1882 ma' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'Għawdex, jawtorizza lil din l-Għaqda Mużikali ewlenija ta' gżiritna tieħu ħsieb lċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fuq barra. Ta' min hawnhekk jirrimarka li matul is-snin is-Soċjeta' mhux talli qatt ma naqset minn dmirha, Iżda saħansitra dejjem rat kif għamlet biex tiffesteġġja u tiċċelebra kif jixraq u bl-iktar mod dinjituz dawn il-festi. Xhieda ta' dan hija l-popolarità kbira li tgawdi l-festa ta' San Ġorġ f'Malta u Għawdex.

Sforz l-imħabba u l-entużjażmu tad-diriġenti tas-Soċjeta', minn sena għal oħra dejjem rajna din il-festa tikber sa ma llum nistgħu ngħidu li saret waħda mill-isbaħ u l-aktar festi solenni li jżejnu l-istaġun tal-festi parrokkjali f'pajjiżna. Tajjeb ngħidu li fl-organiżżazjoni ta' dawn il-festi, missirijietna ma kienux kuntenti jimitaw festi oħra, Iżda riedu jkunu nnovattivi u oriġnali. B'hekk rajna l-festa ta' San Ġorġ titfassal u timbena b'mod kif xtaqu huma. Kienu kuraġġużi biżżejjed li xi minn daqqiet jintroduċu servizzi ġodda li tant inghoġbu li baqgħu jsiru minn sena għall-oħra u saħansitra mbagħad ġew imitati minn parroċċi oħra. Per eżempju biżżejjed insemmu li l-esekuzzjoni ta' l-innu f'jum il-festa, qabel il-ħruġ tal-puċissjoni, kien ideat mis-Soċjeta' Filarmonika tagħna u allura kienet il-festa ta' San Ġorġ li esperjenzat għall-ewwel darba dan il-mument solenni.


LA SOCIETA' FILARMONICA

LA STELLA

DEL GOZO

IN OCCASIONE DELLA FESTA

DI

SAN GIORGIO MARTIRE

ESEGUIRA

NELLA PIAZZA REALE DELLA CITTA' VITTORIA

I SEGUENTI

PROGRAMMI

**Mercoledì 12 Maggio 1897, alle ore 9 p.m**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Marcia Militare | *Fasti del Reggimento* | E. Gandolfi |
| 2. Sinfonia | *La Gazza Ladra* | Rossini |
| 3. Pezzi scelti | *Aida* | Verdi |
| 4. Valse di concerto | *L'Epoca* | G. A. Cini |
| 5. Polka | *L'Affetto* | G. Scerri |

**Giovedì 13 Maggio 1897, alle ore 9 p.m.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Marcia Militare | *Viva Bosta* | G. A. Cini |
| 2. Sinfonia | *La Bella Galatea* | Suppè |
| 3. Variazione per Quartino | | Gatti |
| 4. Fantasia | *Serenata* | Michele |
| 5. Mazurka | *Dolce impressione* | G. A. Cini |

**Venerdì 14 Maggio 1897, alle ore 9 p.m.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Marcia Militare | *Ai valorosi d'Italia* | G.A. Cini |
| 2. Inno | *S. Giorgio* | A. Agius |
| 3. Sinfonia | *Poeta e Contadino* | Suppè |
| 4. Pezzi scelti | *Orfeo all'Inferno* | Offenbach |
| 5. Galop | *Violet* | N. N. |

**Sabato 15 Maggio 1897, alle ore 8. '0 p.m.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Marcia Militare | *Listo Ricordo* | A. Carta |
| 2. Sinfonia | *Hungarian* | Keler-Bela |
| 3. Inno | *S. Giorgio* | Mons. Farrugia |
| 4. Gran Finale | *Poliuto* | Donizetti |
| 5. Fantasia | *Parodia Musicale* | Guardabbi |
| 6. Valse di concerto | *L'Epoca* | G. A. Cini |
| 7. Galop | *Il Trionfo* | A. Agius |

**Domenica 16 Maggio 1897, alle ore 4 p.m**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Marcia Militare | *Annina* | G. A. Cinà |
| 2. Sinfonia | *Zampa* | Herold |
| 3. Pezzi scelti | *Aida* | Verdi |
| 4. Valse | *On the mountain* | Kaulic |
| 5. Galop | *Auf und Davon* | Faust |

**Domenica 16 Maggio 1897, alle ore 9 p.m.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Marcia Militare | *Il Vessillo Tricolore* | Ponchielli |
| 2. Sinfonia | *The Golden Hive* | Bernant |
| 3. Pezzi scelti | *Ruy Blas* | Marchetti |
| 4. Valse | *La Gitana* | Bucalossi |
| 5. Galop | *Furioso* | A. Agius |

GOD BLESS THE PRINCE OF WALES

GOD SAVE THE QUEEN

ANTONIO AGIUS,
DIRETTORE.

*Programm tal-Festi ta' San Ġorġ ta' l-1897 li juri l-programmi mużikali tal-Banda La Stella. F'dak Iż-żmien il-festi kienu jsiru f'Mejju.*

Bir-raġun kollu nistgħu ngħidu għalhekk li San Ġorġ huwa l-mudell tal-festi kollha ta' gżiritna. Irnexxielna noħolqu festa stupenda. Minkejja li wasalna għall-istruttura li xtaqna f'dik li hija organiżżazjoni tal-festa, xorta pero' dejjem xtaqna li nkomplu nbiddlu, inneħħu jew nintroduċu servizzi ġodda. Effettivament matul dawn l-aħħar snin il-festa kompliet tieħu dimensjoni akbar bit-tnedija tal-Victoria International Arts Festival. Fejn qabel ma kienx ikollna għajr marċi u programmi mużikali matul il-ġimgħa tal-festa, dan l-aħħar bdejna nassistu għal sensiela ta' attivitajiet kulturali u mużikali ta' klassi għolja bħala parti minn dan il-festival. Dan qed isir matul il-ħmistax ta' qabel il-ġimgħa tal-festa.

Mhux ta' b'xejn li l-festa ta' San Ġorġ illum il-ġurnata sar għandha identità għaliha nnifisha, li tiddistingwiha minn festi oħra. Hija festa mill-aktar mistennija għal dik li hija solennità, organiżżazjoni, briju, tiżjin u ferħ ġenwin tal-Ġorġjani Għawdxin u Maltin kollha.

---

tas-sena 2000, scouts mid-dinja kollha nġabru fil-Bażilika tal-Velabro, biex quddiem San Ġorġ urew ix-xewqa tagħhom li jkomplu jikbru fil-virtujiet nsara u f'dawk tal-Moviment tagħhom. Lapida fil-Bażilika tal-Velabro għadha tfakkar il-laqgħa ta' l-iscouts f'dak il-post fl-1950.

## Jum San Ġorġ

San Gorg inghata qirna fl-Ukrajna sa minn żmien il-prinċep ta' Kiev, Volodymyr ilKbir, li waqqaf il-Kristjaneżmu bħala r-reliġjon uffiċċjali ta' l-Imperu ta' Kiev fid-988 W.K. Knejjes u ikoni ta' San Ġorġ huma popolari ħafna l-Ukrajna. Għan-nies ta' dan il-pajjiż, San Ġorġ hu simbolu ta' safa' fl-ispirtu, ta' għotja diżinteressata għall-ħarsien ta' pajjiżhorn u ta' kuraġġ bla limiti fl-qadi ta' dak kollu li hu tajjeb u safi. Minħabba f'hekk li scouts ta' l-Ukrajna żammew lil San Ġorġ bħala Patrun tagħhom. Il-Festa tiegħu jagħmluha f'Mejju u turi l-bidu taż-żmien għall-ikkampjar u għall-"hiking". L-istess ħaġa tiġri f'ħafna pajjiżi oħra ta' l-Ewropa tal-Lvant, bħalma huma l-Ungerija u r-Russja.

Li scouts tad-dinja kollha jfakkru jum il-Patrun tagħhom, qrib it-23 ta' April b'ċelebrazzjonijiet diversi, iżda l-aktar bit-tiġdid tal-Wegħda dwar l-idejali għolja tagħhom. Anke hawn Malta, lejn tmiem April jew il-bidu ta' Mejju, li scouts kollha jiċċelebraw Jum San Ġorġ b'Quddiesa u, imbagħad bi sfilata li għaliha, ġeneralment jattendi l-President tar-Repubblika, li jingħata t-tislim fi Pjazza San Ġorġ, fil-Belt Valletta. Fl-Ingilterra li scouts jinġabru għas-"St. George's Day Parade" qrib Windsor Castle fejn ikun hemm ukoll ir-Reġina. F'diversi pajjiżi oħra tal-Commonwealth Ingliż, li scouts jiċċelebraw Jum il-Patrun tagħhom bil-logħba tad-dragun li fiha jikkurnbattu dragun artifiċjali, bil-għan li jitrawrnu fi spirtu kurnbattiv kontra dak kollu li hu ħażin.

## Għeluq

Naħseb li l-aħjar għeluq għal din il-kitba dwar San Ġorġ f'relazzjoni mal-Movirnent ta' l-Iscouts, hi talba lil San Ġorġ li nsibuha fil-ktieb tat-talb ta' l-iscouts Taljani, rniktuba rninn Mons. A. Mistrorigo: **"Glorjuz kavallier ta' Kristu, San Ġorġ, li ma qgħadtx taħsibha li xxerred demmek biex tibqa' fidil għall-wegħdiet tal-Magħmudija tiegħek, aħna nersqu lejk, Protettur u mudell ta' l-Iscouts kollha. Iksbilna l-grazzja li qatt ma niċħdu għall-ħbiberija ta' Gesu', ir-Ras u l-Mulej tagħna; li nikbru kuljum aktar sħaħ f'imħabbtu, ħalli b'hekk nibqgħu fidili, f'kull ċirkustanza, għall-wegħdiet tagħna ta' Nsara u ta' Scouts. Amen".**

### *Riferenzi:*

"St. George, Patron Saint of Scouting": http://www.pinetreeeweb.com/stgeorge.htm

Dal Tolso, Paola & Bertini, Maria Cristina; "San Giorgio, un santo per gli scouts" -Centro Documentazione Agesci-Roma- Agosto 2000

P.A. Ruggi o.p.: San Giorgio e la tua promessa": "L'Esploratore"-ASCI-Roma-1948

Claretta, Giuseppe Roberto: "Scoutismo"- L.I.C.E.- R. Berruti & C.- Torino- 1946

Balboni, Dante: "San Giorgio"-Centro Studi su San Giorgio-Roma-1983

Baden-Powell, Robert: "Rovering to Success"-H. Jenkis Ltd.- London- 1927

AA.VV.-"Lo Scout Italiano"- ASCI, Roma- 1923

## MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET *jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

possibbli u tant attraenti! Għalhekk, anki fejn tidħol il-ġenna, San Ġorġ, hu "martri" jiġifieri "xhud" għalina!

Dawn huma xi whud mill-ħsibijiet li jiena ċert li jistgħu jgħinukom tgħixu bl-aħjar mod il-jiem ċentinarji li qed niċċelebraw. M'għandix bżonn noqgħod nidħol fid-dettalji ta' l-imġieba u tad-doveri Nsara li, wara kollox, jorbtuna mhux fil-jiem tal-festa biss imma kuljum u dejjem.

Ejjew mela ngħixu tajjeb dawn il-jiem straordinarji ta' festa ċentinarja. Nagħmlilkom xi suġġerimenti.

**1.** L-ewwelnett billi nilqgħu dawn il-jiem u nilqgħu l-istedina li jġibu magħhom. Hija stedina biex niltaqgħu ma' San Ġorġ b'mod ġdid, u mhux għal kollox tas-soltu! Ir-relikwa venerabbli li se tiġi fostna mill-bażilika Rumana tal-Velabro - ġrajja li tfakkarna fl-esperjenza ta' 20 sena ilu u ġġeddidha - se tirrendi l-preżenza ta' San Ġorġ fostna aktar viżibbli u aktar tanġibbli. Għal din l-okkażjoni ta' grazzja kbira, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II għoġbu jikkonċedi lill-gżira t'Għawdex ir-rebħ ta' l-indulġenza plenarja. Dan hu mottiv ta' konverżjoni u okkażjoni ta' progress spiritwali.

**2.** Nghixu l-jiem tal-festa tajjeb ukoll billi napprofittaw ruħna minnhom sabiex niltaqgħu ma' Ġesù Kristu mill-ġdid u b'mod ġdid skond is-sejħa li qed tagħmlilna l-Knisja fil-bidu tat-tielet millennju Nisrani. Ejjew f'dawn il-jiem naghtu importanza kbira lit-tagħlim bis-smiegħ tal-predikazzjoni, lill-opri ta' karità mal-morda u mal-familji b'diffikultà, lil qrara tajba tajba u tqarbina li tħalli l-frott spiritwali fina. L-akbar frott spiritwali ta' dawn l-għemejjel qaddisa huwa dak ta' l-imħabba li tesprimi ruħha fil-ħbiberija vera bejnietna. Il-jiem tal-festa ta' San Ġorġ għandhom ikunu jiem ta' bidla tal-qalb fil-konfront ta' Alla u ta' xulxin. Dan l-għan jiġġustifika kull festa!

**3.** Inżid ngħid, allura, li nghixu tajjeb dawn il-jiem ta' festa billi nitwettqu fir-rabta tagħna mal-Knisja. Il-Knisja tikkonsisti fil-komunjoni tagħna, saċerdoti u lajċi fi Kristu. Din il-komunjoni tidher l-aktar meta niltaqgħu fil-Bażilika Ġorġjana biex nitolbu flimkien, nisimgħu l-Kelma t'Alla flimkien u niċċelebraw l-Ewkaristija flimkien. Ejjew mela naghtu l-ewwel importanza lill-funzjonijiet li jsiru fil-knisja. Inħallu kollox, kollox, biex niġu San Ġorġ fil-jiem tat-Tridu u fil-ġinjiet tal-funzjonijiet l-oħra kollha, ordinarji u straordinarji. Ejjew ninġabru madwar il-mahbub Isqof tagħna, ejjew nilqgħu lid-diversi mistednin, fosthom kardinali u isqfijiet, li se jiġu għall-festa tagħna, ejjew nifirħu b'xulxin u naqsmu l-għana spiritwali tagħna magħhom u ma' dawk kollha, speċjalment l-emigranti tagħna, li se jkunu magħna.

**4.** Nghixu l-jiem ċentinarji tajjeb ukoll billi nikkollaboraw għas-suċċess tal-festa kollha, b'kollaborazzjoni mat-tmexxija tal-Bażilika ta' San Ġorġ li tfassal il-festi interni u ma' dik tas-Soċjetà 'La Stella' li hi responsabbli għall-organizzazzjoni tal-festi esterni. Bejn l-Uffiċċju Parrokkjali u l-Każin 'La Stella' issir ħidma ta' armonija mill-aqwa. Iżda biex din il-ħidma tirnexxi huma meħtieġa kemm il-kontribut finanzjarju ta' kulħadd skond ma wieħed ikun jista' u anki l-kollaborazzjoni ta' kulħadd skond ma wieħed ikun kapaċi. Il-festa ta' San Ġorġ hija l-aktar waħda popolari fil-gżejjer Maltin mhux biss għax l-għaliha jiġu ħlejjaq minn kullimkien imma għax hi l-frott tal ħidma flimkien mill-Ġorġjani kollha.

**5.** Fl-aħħarnett inħoss li nkunu qed nghixu tajjeb dawn il-jiem ta' festa ċentinarja, ukoll, billi nagħtu kontribut eżemplari lil pajjiżna dwar kif għandhom isiru l-festi Nsara. Sa minn dejjem, il-festa ta' San Ġorġ kienet mudell u ispirazzjoni ta' tifsila stupenda ta' festa titulari u f'dawn l-aħħar snin, aħna "ta' San Ġorġ", komplejna niddisinjaw u nirrakkmaw il-festa bi ħjut ġodda ta' kultura, katekeżi u liturġija mill-aqwa. Is-sitt edizzjoni tal-'Victoria International Arts Festival' ippreżenat mill-Kor 'Laudate Pueri', in-Novena ta' San Ġorġ ippreżentata mill-Għaqda Drammatika tat-Teatru Astra, il-kant sagru esegwit mill-Kor imsemmi u l-mużika unika tal-Cappella Musicale tal-Bażilika, is-servizz eċċezzjonali ta' l-istazzjon Lehen il-Belt Victoria, l-opri spiritwali, edukattivi u artistiċi li ta' kull sena jinkurunaw il-ħidma tas-sena pastorali u kulturali tal-Parroċċa, il-pubblikazzjonijiet numerużi u ta' l-akbar kwalità li joħorġu matul is-sena u f'rabta mal-festa, u nistgħu nibqgħu nsemmu, dan kollu jgħolli l-festa ta' San Ġorġ 'il fuq u jagħmilha ġawhra fit-tessut tal-festi f'Malta u Għawdex u jagħmel mill-festa ta' San Ġorġ esperjenza unika u festa eżemplari f'pajjiżna.

Għalhekk, waqt li nawgura mill-ġdid festa hienja u qaddisa lilkom ilkoll, għeżież devoti ta' San Ġorġ, u fostkom, b'mod speċjali, il-morda u l-anzjani, l-emigranti u l-mistednin li se jżuruna mill-irkejjen kollha ta' Malta u Għawdex, nixtieq li, f'isem San Ġorġ, nirringrazzja lilkom, il-benefatturi l-aktar għeżież tagħna, u, fostkom, jew magħkom, il-Kapitlu u l-Kleru, il-lajċi impenjati fl-Uffiċċju Parrokkjali u fid-diversi taqsimiet tal-Parroċċa, ewlenin fosthom il-Kor Laudate Pueri, il-membri tal-Ladies Society u ta' l-Għaqda Santa Marta kif ukoll il-Kumitat, il-Bandisti u l-membri attivi tas-Soċjeta La Stella fid-diversi taqsimiet tagħha u lil dawk kollha li matul is-sena jagħtu kull għajnuna fil-ħajja tal-familja Ġorġjana.

Insellem b'tislima speċjali lill-benefatturi taċ-Ċentru Parrokkjali u tal-Kappella l-Ġdida, kemm dawk li qed jgħinu b'kontribuzzjonijiet ta' flus u kemm dawk li qed jagħti minn ħinhom, mit-talenti u mill-enerġija tagħhom għal din l-opra qaddisa.

Nirringrazzja mill-ġdid lil dawk kollha li, bħalma għamlu fil-jiem straordinarji u uniċi ta' April li għaddha, qed jaħdmu bl-istess ħeġġa u sagrifiċċju f'dawn il-festi ta' Lulju u nitlob li l-jiem ċentinarji ta' San Ġorġ iħallu frott ta' qdusija, imħabba u ferħ spiritwali f'kulħadd.

Dan ikun l-akbar rigal għalija f'għeluq il-25 sena ta' saċerdozju, għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fil-bidu tat-tielet millennju ta' servizz pastorali, liturġiku u soċjali u għad-devoti kollha ta' San Ġorġ li messitna x-xorti li napprezzaw u niċċelebraw il-misteru ta' mħabbitna fis-17-il ċentinarju tal-glorja tal-Patrun ta' Għawdex u l-Protettur l-aktar għażiż tagħna.

Viva, iva... Viva, Viva San Ġorġ!

## Rokna għat-Tfal

Għeżież Tfal,



Kif intom! Jiena ċert li sa tweġbuni bi tbissima u tgħiduli kemm thossukom ferhana li issa ħlistu mill-eżamijiet u qed tħarsu 'l quddiem biex tiddevertu f'din il-festa speċjali li riesqa u biex tistrieħu wkoll matul il-vaganzi tas-sajf. Jiena minn qiegħ qalbi nawguralkom kull suċċess fl-eżamijiet tagħkom biex tkomplu mexjin 'l quddiem.

Forsi mank biss tittendu kemm aħna xxurtjati li qed ngħixu f'dan iż-żmien meta d-dinja kattolika qed tfakkar is-sbatax-il mitt sena minn meta l-Qaddis Patrun tagħna San Ġorġ Megalomartri ħa l-martirju fis-sena 303 wara Kristu. Mitt sena ilu ma konniex hawn u bla dubju mitt sena oħra m'aħniex se nkunu hawn, u allura bir-raġun, ejjew ma nitilfux mument wieħed biss minn dawn il-ġranet speċjali.

Tafu daqsi li l-festa hija maqsuma fi tnejn: hemm dawk il-funzjonijiet tassew sbieħ u għeżież li jsiru fil-knisja sabiħa tagħna li għalihom jiġi nies minn kull rokna; u hemm ukoll imbagħad il-festi li jsiru fil-pjazez u t-toroq ta' beltna organiżżati mill-Banda La Stella. Għalkemm għadkom tfal, żgur li tindunaw li l-festi ta' ġewwa qatt u fl-ebda ħin ma jaħbtu fl-istess ħin ma' dawk ta' barra u għalhekk tistgħu tlaħħqu magħhom it-tnejn. U fejn thossu li tistgħu tgħinu xi ftit, la toqogħdux lura, imma ersqu 'l quddiem u agħtu bil-ferħ is-sehem tagħkom. Prosit ukoll lil dawk fostkom li qed jieħdu sehem fid-dramm li jsir fuq il-Presbiterju tal-knisja dwar il-ħajja ta' San Ġorġ.

Naturalment, tgħaddi l-festa, u erħilkom ħa tgħumu u tiġġerrew fix-xemx. Sewwa tagħmlu għaliex għalhekk jiġu l-vaganzi, IŻDA, għeżież tfal, araw li ta' kuljum issibu dak il-ftit ħin biex tagħmlu ftit qari tajjeb bl-Ingliż u bil-Malti. Għinu wkoll fid-dar meta tiġu mitluba u araw li tagħmluha ma' tfal tajbin u bil-għaqal bħalkom. Sibu ħin ukoll li kuljum tmorru tisimgħu quddiesa.

Mela filwaqt li niexteqilkom il-festa t-tajba, issa se ngħaddi biex nagħmlilkom mistoqsija waħda. Fost dawk li jibagħtulna tweġiba tajba ser intellgħu tnejn bix-xorti u nagħtuhom ktieb bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (Tel. No. 2155 1325). Il-poeti Ġorġ Pisani, Ġorġ Zammit, Dun Karm, il-Kan Joe Mejlak u Vincent Ungaro flimkien ma' oħrajn tawna poeżiji sbieħ dwar San Ġorġ. Kull ma nixtieq minn għandkom hu li tagħtuni, bla żbalji, żewġ strofi (tmien versi) dwar San Ġorġ ta' xi poeta Malta jew Għawdxi.

***Inbgħatu t-tweġiba tagħkom lill-Editur, Il-Belt Victoria, Centru Parrokkjakli San Ġorġ, Victoria sa mhux iktar tard mill-Ġimgħa, 26 ta' Lulju 2003.***

*Iz-Ziju Peppi*

## DEKORAZZJONI TAL-KOPPLETTI TAL-LVANT

Kulħadd hu kelma waħda dwar il-ġmiel ġdid tal-koppletti fin-navata tal-lvant tal-Knisja. Bir-raġun għax, tassew, dawn il-koppletti bid-dekorazzjoni fil-pasta li għandhom, ġew mhux biss imsewwija u rinfreskati imma kważi dekorati biż-żebgħa u d-deheb għal kollox mill-ġdid.



Id-dekorazzjoni tal-koppletta tal-bieb saret mill-imgħallem Joseph Cutajar Zahra flimkien ma' ibnu l-kbir u bl-għajnuna kbira tal-voluntier Carmel Farrugia. Din id-dekorazzjoni b'żebgħa ġdida u ammont kbir ta' deheb saret bl-inizjattiva ta' Mons. Anton Grech Vella u thallset minnu. Mons. Grech Vella hu benefattur kbir ta' San Ġorġ u għamel ħafna snin prokuratur tal-Bażilika. Bl-inizjattiva tiegħu diġa' saret ukoll il-koppletta tal-bieb tal-punent.

Ir-restawr u d-dekorazzjoni ġdida tal-koppletti ta' San Mikiel u San Pawl b'żebgħa ġdida u b'indoratura bid-deheb fejn qabel kien nieqes ħafna, saret mill-voluntier Carmel Farrugia. Joseph Cutajar Zahra ħejja ż-żebgħa u pitter l-anġli tal-lunetti. Sar restaw u indoratura ġdida wkoll fin-naħa ta' fuq taż-żewġ prospettivi ta' l-altari.

L-inizjattiva tal-ħidma f'dawn iż-żewġ kappellunittieħdet mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia li dderieġa wkoll ix-xogħol kollu li sar sa issa fil-koppletti.

## INDULĠENZA PLENARJA FIL-JIEM TAL-FESTA

B'reskritt maħruġ mill-Penitenzjerija Apostolika tas-Santa Sede, il-Papa ikkonċieda l-Indulġenza Plenarja lil dawk kollha li bejn it-Tlieta u l-Ħadd, 15-20 ta' Lulju 2003, iżuru b'devozzjoni l-Bażilika ta' San Ġorġ u jitolbu l-interċessjoni ta' San Ġorġ. Japplikaw il-kondizzjonijiet tas-soltu, jiġifieri li min irid jirbaħ l-Indulġenza Plenarja għandu jkun fl-istat tal-grazzja, iken qerr u tqarben u jitlob skond il-fehma tal-Papa.

L-Indulġenza Plenarja mogħtija għall-Festa ta' San Ġorġ tkun tista' tintrebaħ ukoll kull fejn tiġi meħuda r-Relikwija skond kif jiddetermina Mons Isqof Djoċesan.




Nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2003 ingħata bidu għas-Sitt Edizzjoni tal-Victoria International Arts Festival b'kunċert korali mill-Kor ta' Magdalene College ta' l-Università ta' Cambridge. Din l-edizzjoni tal-Victoria International Arts festival tiġi fit-tmiemha nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju b'kunċert mill-Orkestra Filarmonika ta' Sheffield.

Il-Victoria International Arts Festival ta' din is-sena se jkun l-ikbar u l-itwal wieħed sa issa u ser jinkludi mhux inqas minn 23 kunċert fuq perijodu ta' ħames ġimgħat. Ir-reputazzjoni ta' dan il-Festival kompliet tissaħħaħ u llum nistgħu ngħidu li stabbilixxa ruħu bħala okkażjoni kulturali anwali eċċezzjonali li tinżamm fil-gżejjer Maltin.

Jekk wieħed jagħti ħarsa ħafifa lejn x'ser isir din is-sena f'dan il-Festival malajr jinduna kemm verament huwa avveniment internazzjonali. il-Festival ser jinkludi kunċerti orkestrali (Sheffield Philarmonic Orchestra), talent korali (London Festival Singers, Magdalene College Choir, Cambridge), mużika medjevali (La Rossignol Ensemble, mill-Italja), kunċert fuq il-pjanu (Patrick Holming mill-Izvezja) u serata speċjali ta' mużika kontemporaneja (Oden Ensemble minn Franza). Ċelebritajiet oħra mill-Ingilterra li ser jieħdu sehem jinkuldu il-Violin and Piano duo Richard Axon u David Johnson, l-arpista Cecilia de Maria u s-sopran Sophie Grech.

Dan il-Festival mistenni jiġbed lejn gżritna numru ta' turisti mill-Italja, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Ingilterra.

L-aqwa talent lokali wkoll ser jagħti sehemu f'dan il-Festival. Insibu l-Orkestra Nazzjonali, it-Trio Janaschrarco, id-Duo fuq il-pjanu Natasha Chircop u Marco Rivoltini, l-Valette Clarinet Quartet, il-Festive Brass Quintet, is-sassofonista Joe Vella u Tanja Bajona Princess Poutiatine Academy of Ballet. Kif mistenni sehem importanti f'dan il-Festival jingħata mill-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika tagħna li mhux biss huma responsabbli mill-organizzazjoni, imma jagħti kontribut siewi għall-kontenut kulturali.

Din is-sena l-Kor Laudate Pueri ser jingħaqad mall-Cantori di Roma f'kunċert korali/orkestrali bis-sehem ta' l-Orkestra Nazzjonali. F'dan il-kunċert ser tindaqq għall-ewwel darba biċċa xogħol ġdida ta' Maestro Joseph Vella li ġiet komposta fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru is-17-il mitt sena mill-Martirju Glorjuz ta' San Ġorġ.

Barra minn dan kollu li għidna, il-Festival jinkludi wkoll attivitajiet oħra. Insemmu l-Master Classes għall-mużiċisti żgħażagħ li jsiru minn għalliema maltin u barranin u esibizzjoni ta' l-arti minn Philip Chircop li tibqa' għaddeja matul il-Festival kollu. Din l-esibizzjoni ser tittella' fiċ-Ċentru Parrokkjali, Fis-serje "The Composer Speaks", din is-sena l-organiżżaturi stiednu lill-Kompożitur famuz Ingliz John Hearne.Id-direzzjoni artistika tal-Festival hija f'idejn Prof Mro Joseph Vella u koordinat mir-Rev. George J. Frendo. Il-Kumitat organiżżattiv huwa presedut mir-Rev. Arċipriet Dr. Joseph Farrugia.

Grupp ta' voluntiera ħabrieka jieħdu ħsieb l-organiżżazjoni ta' dan il-Festival u għalkemm l-entratura għal kull attivita hija b'xejn, l-għajnuna tingħata jew b'donazzjonijiet jew inkella minn ditti li jisponsorjaw xi attivitajiet. Dan l-avveniment żgur li qed jagħti kontribut siewi biex ikompli jissaħħaħ it-turiżmu kulturali f'pajjiżna.

## SETT BOLLI TAĊ-ĊENTENARJU F'ĠIBILTA'

Fl-okkażjoni taċ-Ċentenarju ta' San Ġorġ inħarġu sett ta' ylett bolli f'Ġibilta'. Dawn huma mqassma hekk: bolla ta' 1.20 Stg. bl-immaġini ta' San Ġorġ fuq disinn ta' tieqa 'stained glass' li kienet ġiet disinjata mill-imgħallem Għawdxi Joseph Sagona u li tinsab fil-Knisja ta' San Ġużepp fejn hemm Kappillan Mons Koronato Grima; bolla oħra ta' 30p li turi l-bandiera l-bandiera famuza ta' l-Ingilterra, salib aħmar fuq sfond abjad; u bolla oħra ta' 40p li turi l-insinja ta' l-Ordni Sagra u Militari Kostantinjan ta' San Ġorġ. Dan is-sett ta' bolli ġie ddisinjat mill-artist famuz Anselmo Torres u nħareġ nhar it-23 ta' April 2003.






A&M Printing Ltd. - 2155 3217